# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgħa 15 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Numru 1035/19TA**

**Fl-atti tal-Ittra Ġudizzjarja bin-numru 3934/2019, ippreżentata ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet:-**

**Anjake Limited (C 7823)**

**vs**

**Ronald Robert Balani (KI 262456M) eżerċitanti tal-kummerċ Savita**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Ronald Robert Balani tat-28 ta' Ottubru 2019;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Novembru 2019;

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Anjake Limited tal-11 ta' Novembru, 2019;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-affidavits preżentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-proċeduri;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2020;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidra**

Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2020, l-abbli avukat tar-rikorrent f'dawn il-proċeduri ddikjara li r-rikors odjen ġie intavolat abbażi tal-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Din hija proċedura preliminari ta' stħarriġ u verifika fejn il-Qorti tista' tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* bħala titolu eżekuttiv f'każ li minn din il-proċedura preliminari jirriżulta prima facie (i) illi l-firma fuq il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx ta' min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tar-rappreżentant tiegħu; jew (ii) ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni. F'każ li l-Qorti tordna ssospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, biex wieħed jeżiġi l-ħlas tal-kambjala dan ikollu jiftaħ kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Jirrisulta mill-istess rikors, li l-esponent Balani qiegħed jinvoka dan is-subartiklu mhux minħabba li l-firma fuq il-kambjali iżda għaliex għandu raġunijiet gravi u validi għalfejn jopponi l-esekuzzjoni tal-kambjali bil-proċeduri li joffri dan l-artikolu tal-liġi. L-apprezzamnent li trid tagħmel din il-Qorti ai fini ta' dawn il-proċeduri huwa wieħed *prima facie* (ara **digriet fl-ismijiet Daniel Borg -vs- Mark Casha tas-17 ta' Ġunju 2015**). L-apprezzament approfondit fil-mertu irid isir minn dik il-Qorti li tiġi adita għaldaqshekk jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u l-intimat ikollu jipproċedi b'kawza propja.

Il-Qorti tfakkar li din hija proċedura eċċezzjonali li tiddispensa minn smiegħ fil-mertu. Wahda mill-ftit eċċezzjonijiet fil-liġi għar-regola ġenerali ta' smiegħ fil-mertu ta' pretensjoni, in linea mal-prinċipju tal-*audi alteram partem*. Huwa għalhekk li jagħmel sens li l-Qorti trid biss tagħmel eżami mad-daqqa t'għajn meta d-debitur joffri opposizzjoni għall-esekuzzjoni tal-kambjala abbażi ta' raġuni gravi u validi. Minn naħa l-oħra "*ċertament ir-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni"* (ara **Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi - PA deċiża fil-5 ta' Frar, 2008**).

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti qieset il-provi u argumenti imressqin miż-żewġ partijiet. Fost oħrajn anke s-sottomissjoni li qed iqanqal ir-rikorrent li l-azzjoni kambjarja hija perenta bid-dekorrenza taż-żmien mentri l-intimat, li

qed jittenta l-esekuzzjoni tal-kambjali, għandu ukoll l-argumenti li l-posizzjoni legali f'dan ir-rigward hija differenti għax si tratta ta' preskrizzjoni. Iż-żewg partijiet iċċitaw Sentenzi li kull wieħed jinsisti li tissufraga t-teżi tiegħu. Tajjeb li jingħad li l-intimat fir-risposta tiegħu qiegħed iqanqal l-inkompattabilita' ta' dak li hu jsejjaħ eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mal-bqija ta' eċċezzjonijiet imqajma fir-rikors.

Dan l-argument fih innifsu żgur ma hux wieħed kappriċċjuż, iżda huwa argument legali li jista' biss ikun analizzat b'mod approfondit b'kawża proprja.

Wara li l-Qorti qieset u wieżnet kollox, hija tal-konvinċiment li r-rikorrent irnexxielu jipprova li għandu raġunijiet gravi u validi biżżejjed biex jopponi l-eżekuzzjoni tal-kambjali mertu tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Ottubru 2019.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha tilqa' t-talbiet kif mitluba mir-rikorrent Ronald Robert Balani fir-rikors tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2019 u ċioe' tar-rikors odjern.

Spejjes tal-proċeduri a' karigu tas-Soċjeta' intimata.

.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**